# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-23 ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru : 20/2022 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**SS**

**U**

**RS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' SS u RS, datat 13 ta' Jannar 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponenti zzewwgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) (Dok A);*

2. *Illi l-partijiet jiddikjaraw illi qabel ma izzewgu twieldet tifla bl-isem DS f'X u ghalhekk ghadha minuri;*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt in atti Dr Katia Farrugia Cachia minn Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) (Dok B);*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet;*

6. *Illi r-rikorrenti SS dejjem onora l-obbligi tieghu versu l-manteniment ghall-*

*minuri;*

7. *Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-onorabbli Qorti sabiex:*

a) *Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016) jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;*
b) *Tordna lid-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u*
c) *Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-partijiet datata 31 ta' Jannar 2022 li permezz taghha l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza; (vide fol 23)

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**RS xehdet** (vide affidavit Dok AM2 fol 25) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-24 ta' Dicembru 2016 u li minn din ir-relazzjoni twieldet tifla, li ghadha minorenni. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Novembru 2018 fl-atti tan- Nutar Dr. Katia Farrugia Cachia. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' ikkonfermat illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**SS xehed** (vide affidavit Dok AM1 fol 24) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm***

***maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-24 ta' Dicembru 2016, liema zwieg jgib certifikat numru 25/2016 (Vide Dok A certifikat taz-zwieg, fol 3). Minn din ir-relazzjoni twieldet tifla, li ghadha minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Katia Farrugia Cachia nhar l-20 ta' Novembru 2018 (vide Dok. B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 25/2016 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**